# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru   31**

**Avviz  numru   614/00/SM**

**Imelda Kasseb**

**vs**

**Louis Mifsud**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Mejju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (LM400.00,0) lilhu mislufa fit-18 ta' Settembru, 1995, kif jirrizulta wkoll mill-iskrittura annessa mal-avviz u immarkata Dok. "A";**

**2. Bll-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra interpellatorja datata 13 ta' April, 2000 mmarkata bhala Dok. "B" u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi l-konvenut ma ghandu jaghti l-ebda flejjes lill-attrici;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' flus reklamat mill-attrici intefqu sabiex tkun tista ssir u titranga l-kamra tal-banju tal-fond fejn qed tirrisjedi presenzjalment l-attrici;**

**3. Illi ghalhekk l-ebda ammont mhux dovut;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi hemm relazzjoni familjari bejn il-protagonisti ta' din il-procedura billi l-attrici tigi z-zija tal-konvenut;**

**2. Illi l-konvenut kien talab xi flus mill-attrici biex juzhom ghall-hanut tal-"grocer" tieghu;**

**3. Illi in effetti dawn lahqu ftehim fuq l-ammont li l-konvenut kien ser jissellef mill-attrici, senjatament erba' mitt Lira Maltin, (LM400.00,0),**

**kif jidher mill-iskrittura redatta mill-partijiet li tidher a fol 12 u li kienet miktuba mill-istess mart il-konvenut;**

4. **Illi in effetti l-attrici ghaddiet dan l-ammont indikat lill-konvenut li minn naha tieghu liberament iffirma l-iskrittura fuq riferita;**

5. **Illi s-self de quo igib id-data tat-18 ta' Settembru ta' l-1995;**

6. **Illi ghalkemm l-attrici kemm-il darba talbet lill-konvenut jirrifondiha l-ammont lilhu misluf, dan baqa' inadempjenti;**

7. **Illi ghalhekk saret din il-procedura;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi da parti tieghu l-konvenut jafferma s-segwenti:**

1. **Illi hu kien iffirma d-dokument a fol 12 ta' dan il-process ghaliex l-attrici kienet selfithu l-ammont ta' flus indikat precedentement;**

2. **Illi ikkonferma wkoll li meta ha l-flus ta' l-attrici kien ukoll beda jiggestixxi hanut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess din il-qorti hi konvinta mis-segwenti:**

1. **Illi l-attrici verament selfet l-ammont minnha mitlub fl-avviz odjern lill-konvenut;**

2. **Illi l-konvenut, ghalkemm ha l-ammont, qatt ma raddu lura lill-attrici nonostante li kien gia kemm-il darba interpellat biex jghamel dan;**

3. **Illi r-ragunijiet migjuba in atti mill-konvenut biex jikkonvinci lill-qorti li m'hux tenut jirrifondi l-ammont lilhu misluf huwa ghal kollox irrilevanti;**

**Ghaldaqstant, filwaqt li din il-qorti tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ erba’ mitt Lira Maltin, (LM400.00,0), bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**